MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 690/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Riccardo Lanzon**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmienja u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm198.21) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mob*isle* Communications Limited skond Client Contract Number 8275 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Marzu 2003 u Lulju 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2003 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta', mija u tmienja u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm198.21) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 5 ta' Dicembru 2003 prezentata kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------